**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru: 198/2023 MLF**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1800/2023 fl-ismijiet:**

**Agenzija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali**

**vs**

**Kevin Victor Muscat**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' Kevin Victor Muscat fejn espona:

Li gie notifikat b'mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet premessi fejn l-ammont allegatament dovut huwa ta' €12,991. Giet esebita bhala Dok A l-ittra li rcieva mill-HSBC.

Illi l-ammont pretiz mis-sekwestranta Agenzija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali huwa allegatament dovut bhala penali in segwitu ta' kontravezjonijiet decizi kontra tieghu mit-Tribunal Lokali a tenur tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero l-Kap. 291 jaghti dritt lill-Gvern jew il-Kunsill Lokali li jigbor tali flejjes. In effetti l-Artikolu relevanti huwa l-Artikolu 10 tal-Kap. 291. Is-subinciz 3 ta' dan l-Artikolu jghid hekk:

*"Meta Kummissarju jkun ghamel ordni ghall-hlas ta' dik il-penali, ir-Registratur tat-Tribunal jew persuna ohra mahtura mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja, ghandu jipprocedi, u fil-kjazijiet fejn il-penali originali li tohrog mill-akkuza hi dovuta lill-Kunsill Lokali jew lil xi awtorita ohra skond xi Att, dak il-Kunsill Lokali jew l-Awtorita ghandhom jipprocedu, ghall-gbir tal-penali malli ssir l-ordni."*

Illi ghalhekk dan l-Artikolu jaghti d-dritt lir-Registratur tat-Tribunal Lokali jew persuna mahtura mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jew lill-Kunsill Lokali jew awtorita ohra jekk il-penali in kwistjoni jkunu dovuti lil xi awtorita ohra.

Illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi l-Ministru hatar lill-Agenzija tas-Sistemi ta' Infurzar Lokali biex tigbor dawn il-penali u lanqas ma jirrizulta illi dawn huma dovuti lill-Agenzija tas-Sistemi ta' Infurzar Lokali. Konsegwentament il-mandat kellu jinhareg jew mill-Kunsill Lokali jew mir-Registratur tat-Tribunal. Kif inhareg il-mandat odjern, dan huwa irritu u null.

Illi apparti minn hekk mas-sekwestru imsemmi ma gewx esebiti s-sentenzi a bazi ta' liema qed isir is-sekwestru in kwistjoni. Tenut kont illi dawn is-sentenzi m'humiex sentenzi ta' Qorti pero tat-Tribunal Lokali u allura m'humiex sentenzi li l-Qorti tista tiehu konjizzjoni gudizzjali taghhom, dawn is-sentenzi kellhom jigu esebiti mas-sekwestru meta dan gie intavolat biex il-Qorti tkun tista tivverfika l-allegat titolu. Fin-nuqqas ta' tali sentenzi allura l-mandat odjern ukoll ghandu jigi revokat.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lill-Qorti joghgobha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 281 tal-Kap.12 thassar ghal kollox il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u dan taht dawk il-provedimenti xierqa u opportuni.

2. Rat ir-risposta tal-Agenzija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali fejn esponiet:

1. Illi l-agenzija intimata qieghda tintavola din ir-risposta entro t-terminu stabbilit fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 16 t'Awwissu tas-sena 2023

2. Illi r-rikors mertu ghal din ir-risposta m'ghandux mis-sewwa u dan ghas-segwenti ragunijiet:

3. Illi preliminarjament l-intimat Muscat qieghed jintavola r-rikors tieghu a bazi tal-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, pero jrid jigi rilevat li l-mandat mertu ghal dawn il-proceduri inhareg taht l-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja, Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan dovut ghall-fatt li d-decizjonijiet tal-Kummissarju tal-Gustizzja huma ta' indoli penali filwaqt li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jitratta decizjonijiet ta' natura civili. Talvolta dan, allura lanqas m'ghandu japplika l-Artikolu 281, kif erronjament qieghed jittanta jaghmel l-intimat Muscat.

4. Illi l-intimat qieghed jissana l-punt tieghu billi jaghmel referenza ghas-sub-inciz (3) tal-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta. L-intimat jirrimarka li skond dan is-sub-inciz l-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja jghati dritt lill-Gvern jew lill-Kunsill Lokali sabiex jigbor tali flejjes. Pero bir-rispett lejn l-intimat, dan l-argument huwa wiehed monk u nieqes minn analizi profonda tal-ligi nostrana.

5. Illi l-Agenzija intimata tirrimarka li tali poteri kienu gew delegati mill-Kunsill Lokali lill-istess esponenti permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.41. Ghaldaqstant, tali gbir ta' penali kien delegat mill-Kunsill Lokali ghall-esponenti.

6. Illi mghadud ma’ dan, l-agenzija intimata taghmel referenza ghal Legislazzjoni Sussidjarja 595.14, ossia Ordni dwar it-Twaqqif tal-Agenzija ghas-Sistema tal-Infurzar Lokali, permezz ta’ liema legislazzjoni giet imwaqqfa l-Agenzija intimata.

7. Illi ssir referenza ghas-sub Regolament (b) tar-regolament 3 tal-imsemmija legislazzjoni 595.14, dan ir-Regolament jelenka l-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-esponenti, liema sub Regolamenti jghid is-segwenti:

   *“Tigbor penali, inkluzi penali addizzjonali u spejjez li jistghu ikunu dovuti lil kumitati regjonali jew lill-Kunsilli Lokali skond it-termini tal-Att dwar Gvern Lokali.”*

8. Illi l-Agenzija intimata tissottometti li skond il-Legislazzjoni Sussidjarja 595.14, l-istess agenzija intimata hija responsabbli sabiex tigbor penali dovuti lill-kumitat regjonali jew lill-Kunsill Lokali, liema funzjoni giet delegata lill-Agenzija intimata permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.41.

9. Illi b’referenza ghat-titolu ezekuttiv, l-Agenzija intimata tissottometti li tali rendikont gie mehmuz mal-mandat odjern, flimkien ma’ affidavit tal-Kap Ezekuttiv tal-Agnezija intimata

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-Agenzija intimata talbet lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet maghmula fir-rikors promotur, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet preliminari kollha u/jew in parte migjuba mill-Agenzija intimata.

3. Rat l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u d-dokumenti ezebiti, u rat l-atti tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 1800/2023 fl-ismijiet premessi.

4. Semghat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

<u>*Eccezzjoni Preliminari – Non-applikabilita tal-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili*</u>

5. L-Agenzija intimata qieghda teccepixxi preliminarjament li l-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili m'hux applikabbli ghal dawn il-proceduri stante li l-mandat mertu ghal dawn il-proceduri inhareg taht l-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja, Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Hija tissottometti illi id-decizjonijiet tal-Kummissarju tal-Gustizzja huma ta' indoli penali filwaqt li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jitratta decizjonijiet ta' natura civili. Hija tissottometti li konsegwentement lanqas hu applikabbli l-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

6. Fit-trattazzjoni orali, id-difensuri tal-partijiet ma ghamlu l-ebda sottomissjoni rigward din l-eccezzjoni, u ghamlu sottomissjonijiet biss fuq il-mertu tar-rikors. Izda ladarba, din l-eccezzjoni ma gietx irtirata mill-Agenzija, din trid tigi trattata minn din il-Qorti.

7. L-Artikolu 10(5) tal-Kapitolu 291 jippreskrivi hekk:

*"L-ammont tal-penali jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern, jew meta l-ammont tal-penali jkun dovut lil Kunsill Lokali skont l-Att dwar Gvern Lokali, bħala dejn ċivili, likwidat u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-Reġistratur tal-Qrati jew mill-Kunsill Lokali, skont il-każ. L-ordni msemmija fis-subartikolu (2) għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont u għal finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

8. L-ordni li jaghmel riferenza ghaliha dan l-Artikolu 10(5) huwa l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja li persuna thallas ammont ta' flus specifikat bhala penali wara li l-Kummissarju jkun iddikjara lil dik il-persuna hatja ta' infrazzjoni. Ai termini tal-Artikolu 10(5) din l-ordni tikkostitwixxi titolu ezekuttiv skond u ghal finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Procedura Civili, li huwa t-titolu li jirregola l-ezekuzzjoni ta' sentenzi u titoli ezekuttivi, u l-Artikolu 281 huwa wiehed mill-artikoli f'dan it-Titolu VII.

9. Ghaldaqstant huwa it-titolu ezekuttiv – u cioe l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja ghall-hlas tal-penali – li huwa mahrug taht il-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero ai termini tal-Artikolu 10(5) tal-Kapitolu 291, l-ezekuzzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv trid issir taht id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodici ta' Procedura Civili, u allura l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv in kwistjoni inhareg taht dan il-Kodici, u tista' tintalab ir-revoka tieghu ai termini tal-Artikolu 281 tal-istess Kodici.

10. Fid-dawl tas-suespost, din l-eccezzjoni preliminari tal-Agenzija intimata qieghda tigi michuda.

*Il-Meritu*

11. Ir-rikorrent qieghed jissottometti li l-mandat ghandu jigi revokat ghal zewg ragunijiet:
    (i) illi l-Agenzija intimata m'hix l-Awtorita kompetenti sabiex tigbor l-penali in kwistjoni;
    (ii) illi t-titolu ezekuttiv ma giex anness mal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv.

    Il-Qorti ser tikkunsidra dawn iz-zewg ragunijiet separatament.

12. Fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tar-rikorrent b'lealta ma baqghax jinsisti fuq l-ewwel raguni, stante li kif spjegat l-Agenzija intimata fir-risposta taghha r-Regolament 3(b) tal-L.S. 595.14, moqri flimkien mal-L.S. 363.41, jawtorizza lill-Agenzija tigbor dawn il-penali. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din ir-raguni.

13. Pero ir-rikorrent zamm ferm is-sottomissjoni tieghu illi l-mandat ghandu jigi revokat ghaliex ma gewx annessi mieghu t-titoli ezekuttivi li jinsabu annessi mieghu. Fit-trattazjoni orali, l-avukat difensur tar-rikorrent ghamel riferenza ghall-Artikolu 274(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili li jippreskrivi hekk:

*"Fejn it-titolu eżekuttiv ikun ta' xort'oħra milli sentenza tal-qorti li lilha hi magħmula t-talba, kopja tal-istess titolu u tal-att li fih in-notifika, fejn l-istess notifika hi meħtieġa skont l-artikolu 256, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mat-talba."*

Ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq, dan l-Artikolu huwa wkoll applikabbli ghal mandati mahruga biex jezegwixxu ordnijiet tal-Kummissarji ghall-Gustizzja.

14. Fil-kaz odjern, it-titolu ezekuttiv huwa l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja fejn ordna l-hlas tal-penali, ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 291. Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi fil-kaz odjern l-ordnijiet tal-Kummissarju ghall-hlas tal-penali ma gewx annessi mal-mandat. Minflok, l-Agenzija annettiet rendikont tal-penali dovuti mir-rikorrent ikkonfermati bil-gurament permezz ta' affidavit tal-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija.

15. Fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-Agenzija spjega r-ragunijiet logistici ghalfejn huwa difficli li l-ordnijiet tal-Kummissarju jigu annessi mal-mandat, u dan ghaliex fil-verita ma jinzammux hard copies ta' dawn l-ordnijiet, stante li jinhargu mijiet ta' eluf ta' dawn l-ordnijiet fis-sena. Il-persuna li tigi mitluba thallas il-penali, bhar-rikorrent, tista' facilment tidhol fis-sistema komputerizzata tal-Agenzija, li fiha d-dettalji kollha relevanti tal-penali dovuti minn kull persuna, u ghalhekk tista' tivverifika l-penali hix verament dovuta jew le.

16. Din il-Qorti tifhem il-problema logistika tal-Agenzija, u fl-opinjoni taghha fis-sena 2023, il-ligijiet ghandhom ikunu aggiornati sabiex jikkontemplaw ir-rikonoxximent ta' sistemi komputerizzati bhal dik tal-Agenzija. Pero, idejn il-Qorti huma marbuta, u l-Artikolu 274(3) jikkontempla biss li jigu annessi kopji fizici tat-titoli ezekuttivi. Dan hu kaz klassiku ta' *dura lex sed lex.*

17. Ladarba l-ordnijiet tal-Kummissarju ghall-hlas tal-penali ma gewx annessi mal-mandat ta' sekwestru, din il-Qorti m'ghandhix xelta hlief li tirrevoka l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, stante li l-Artikolu 274(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili ma giex osservat.

**Konkluzjoni**

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-Agenzija intimata li l-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli fil-kaz odjern.

(2) Tichad it-talba tar-rikorrent fejn talab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi stante li l-Agenzija intimata ma ghandhiex awtorita skond il-ligi tigbor dawn il-penali;

(3) Tilqa' t-talba tar-rikorrent fejn talab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, stante li l-ordnijiet relattivi tal-Kummissarju ghall-Gustizzja ma gewx annessi mal-istess mandat;

(4) Konsegwentement, tirrevoka fit-totalita tieghu il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1800/2023 fl-ismijiet premessi.

19. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' dan l-incident ghandhom jigu subiti bin-nofs bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**